# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 229/2016**

Il-Pulizija

vs

**Carmel Stafrace**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 527965(M)

Illum, 1 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Carmel Stafrace quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn is-16 ta' Novembru, 2015 sal-14 ta' Dicembru, 2015 naqas li jaghti lil Natalina Stafrace manteniment kif iffissat f'kuntratt ta' separazjoni li huwa ghamel ma' martu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' April, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Stafrace minnu  pprezentat fl-4 ta’ Mejju, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma in kwantu s-sejbien ta' htija u thassarha u tirrevokha billi tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

IlIi dan huwa aggravju dwar il-piena stante li l-appellanti kien rregistra ammissjoni quddiem l-Ewwel Qorti. Illi l-esponenti jifhem li l-Qrati ghandhom jerogaw pieni ta ezempju ghal min ma' jobdix ordnijiet moghtija mill-Qorti izda l-esponenti mhux qed jaghmel dana biex jisfida izda sincerament ghaliex ma' ghandux impieg u anqas jista jkollu impieg ghaliex bhalissa jinsab diehel u hiereg il-habs minhabba dawn il-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment. L-esponenti jikkontendi b'rispett li jekk jibqa jigi mibghut il-habs ser jigi mahluq cirku vizzjuz li lilu jimpedieh milli isib impieg fiss biex jibda jhallas il-manteniment u ghalhekk jimmerita li jkun hemm bdil fis-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2018 dehret il-parte civile li nfurmat lil din il-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Illi dan l-appell jirrigwarda biss l-erogazzjoni tal-piena mill-ewwel Qorti.

Illi mehuda c-cirkostanzi ta' dan il-kaz li l-appellant hallas dak kollu dovut, hu car li temperament fil-piena jkun xieraq.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-meritu.  Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lil Carmel Stafrace taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.